**13 ta' April, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Paul Mamo

*versus*

Anthony Saliba

**Rikuża ta' Mħallef – Ritrattazzjoni – Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi**

*Meta l-bażi tar-ritrattazzjoni hija applikazzjoni ħażina tal-liġi, hu l-każ li l-Imħallef li jkun iddeċieda l-kawża li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, jastjeni jew jiġi rrikużat.*

*Dan il-prinċipju però ma jfissirx li bis-sempliċi dikjarazzjoni fil-petizzjoni tar-ritrattazzjoni, li l-istess qed tintalab fuq il-bażi ta' allegata applikazzjoni ħażina tal-liġi, awtomatikament wieħed ikun qed jassikura r-rikuża ta' l-Imħallef; dan għaliex ir-rikuża mhix ħaġa ta' konvenjenza iżda ta' ġustizzja u m'għandha qatt tiġi abbużata.*

*Jingħad ukoll li l-liġi ma tagħtix dritt ta' ritrattazzjoni fejn hemm allegata interpretazzjoni ħażina tal-liġi iżda meta hemm allegata applikazzjoni ħażina tal-liġi.*

Il-Qorti: –

Din hi deċiżjoni fuq rikors tar-rikorrent Paul Mamo ppreżentat fl-udjenza fil-11 ta' April, 1994, li bih talab li jirrikuża "lil din l-Onorabbli qorti *(sic!)* kif komposta *ai termini* ta' l-artikolu 737 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan a bażi ta' l-artikolu 734(d)(ii) ta' l-istess Kodiċi *stante* illi l-bażi tar-ritrattazzjoni hija interpretazzjoni żbaljata kemm ta' liġi u kemm ta' fatt, li allegatament għamlet l-istess interpretazzjoni żbaljata din l-istess Onorabbli Qorti";

Rat l-atti rilevanti u opportuni;

Semgħet id-difensuri;

Ikkunsidrat:

Qabel xejn din il-Qorti trid tirretifika xi żbalji evidenti li jemerġu mir-rikors tar-ritrattant u mhux ta' l-"appellant" kif isejjaħ lilu nnifsu;

Is-sub-titolu II tat-Titolu II tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u li jirrigwarda l-proċedura tar-Rikuża ta' Mħallfin u Maġistrati u s-Surroga, fl-ebda ħin ma jikkontempla r-rikuża ta' Qorti, iżda ta' Imħallfin u Maġistrati – dan qed jingħad għax ir-rikorrent qed jirrikuża lil "din l-Onorabbli Qorti kif komposta";

Fit-tieni lok ir-ritrattazzjoni qed tintalab fir-rigward tad-digriet ta' din il-Qorti tat-28 ta' Ottubru 1991, meta kienet komposta mill-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef Professur Giuseppe Mifsud Bonnici bħala President u mill-Onorabbli mħallfin Joseph Herrera u Carmel A. Agius;

Illum, flok l-Onorevoli Mħallef Herrera hemm l-Onorevoli Mħallef Noel Arrigo;

Għalhekk fl-ewwel lok in kwantu kif ifformulata t-talba tar-ritrattant rikorrent tirrigwarda lill-Onorevoli Mħallef Noel Arrigo, hu evidenti li din mhix regolari u għalhekk qed tiġi respinta;

Kwantu jirrigwarda ż-żewġ membri l-oħra ta' din il-Qorti, il-posizzjoni li temerġi hija s-segwenti:

(1) Ir-rikorrent qed jinvoka l-artikolu 714(d)(ii) tal-Kap. 12 li jipprovdi li l-Imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni jekk il-kawża kienet ġà ġiet quddiemu bħala Imħallef jew bħala arbitru, iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-Imħallef, meta ma tkunx qatgħet definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles "ab *observantia*";

(2) Dan l-inċiż, għandu rilevanza f'kuntest ta' ritrattazzjoni in kwantu din il-Qorti ddeċidiet li meta l-bażi tar-ritrattazzjoni hija applikazzjoni ħażina tal-liġi, hu l-każ li l-Imħallef li jkun iddeċieda l-kawża li tagħha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, jastjeni jew jiġi rrikużat;

(3) Din il-Qorti ddeċidiet ukoll li dan il-prinċipju ma jfissirx li bis-sempliċi dikjarazzjoni fil-petizzjoni tar-ritrattazzjoni, li l-istess qed tintalab fuq il-bażi ta' allegata applikazzjoni ħażina tal-liġi, awtomatikament wieħed ikun qed jassikura r-rikuża ta' l-Imħallef u dan għaliex ir-rikuża mhix ħaġa ta' konvenjenza iżda ta' ġustizzja u m'għandha qatt tiġi abbużata. Dan s'intendi jinvolvi eżami *prima facie* tat-talba għar-ritrattazzjoni;

(4) Jiżdied ukoll li l-liġi ma tagħtix dritt ta' ritrattazzjoni fejn hemm allegata interpretazzjoni ħażina tal-liġi iżda meta hemm allegata applikazzjoni ħażina tal-liġi. Dana qed jingħad għax ir-rikorrent jidher li qed jikkonfondi ż-żewġ kunċetti tant li fir-rikors odjern jirreferi għal interpretazzjoni żbaljata tal-liġi mentri fil-petizzjoni tar-ritrattazzjoni jirreferi għall-applikazzjoni ħażina tal-liġi;

(5) Din il-Qorti eżaminat il-petizzjoni tar-ritrattazzjoni ta' Paul Mamo u minnha jidher li:

(a) Huwa jibbaża kollox fuq il-fatt li din il-Qorti ddekretat id-deżerzjoni mingħajr ma ħadet konjizzjoni ta' rikors li hu kien għamel għal differiment;

(b) Li a bażi ta' dan imbagħad jasserixxi li allura:

(i) kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi u dan bi speċifika riferenza għall-artikolu 195(4) tal-Kap. 12;

(ii) Id-digriet kien l-effett ta' żball li jidher mill-att u mid-dokumenti tal-kawża;

Mingħajr ebda eżitazzjoni ta' xejn, din il-Qorti jidhrilha li kif ikkonċepita u kif redatta, il-petizzjoni ta' ritrattazzjoni tippreżenta eżerċizzju tawtoloġiku biex jiġi involut artikolu tal-liġi, ċjoè l-artikolu 195(4) tal-Kap. 12, b'mod li jiġi allegat li dan ġie applikat ħażin, meta fil-fatt dan l-artikolu m'għandu x'jaqsam xejn mal-bażi proprja tar-ritrattazzjoni li s'intendi qed tibqa' impreġudikata. Kieku l-artikolu 195(4) kien jgħid li l-Qorti ma tistax tgħaddi għas-sentenza qabel ma tiddekreta rikors għal differiment kieku kien ikun hemm evidenza *prima facie* li seta'

kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi li a bażi tagħha kienet tkun ġustifikata r-rikuża. L-artikolu msemmi, *invece*, jistabbilixxi meta Qorti **tista' u mhux għandha** takkorda differiment ta' kawża: add S. 195(4) Kap. 12;

F'dan il-każ, hu evidenti mill-petizzjoni tar-ritrattazzjoni li flok allegazzjoni serja ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi hemm tentattiv biex tiġi ottenuta rikuża meta ċertament mhux il-każ ta' rikuża jew astensjoni. Fuq dan, din il-Qorti tara li hu opportun li tagħmel twissija ġenerali, li fil-futur fejn tara li petizzjoni ta' ritrattazzjoni tiġi redatta b'mod li minnha nfisha kien evidenti li hi intiża biex tippreżenta stampa li a bażi tagħha tkun tista' tintalab rikuża evidentement, bħal f'dal-każ ma jkunx każ ta' rikuża hija tieħu l-passi opportuni;

Fl-aħħarnett, anki għax ir-rikorrent inoltre l-artikolu 734(d)(ii) Kap. 12 fuq iċċitat, jiġi osservat li d-digriet tat-28 ta' Ottubru, 1991, li kien digriet ta' deżerzjoni u li qed tintalab li jiġi ritrattat, ma kienx jammonta għal deċiżjoni li qatgħet definittivament il-mertu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u għalhekk, apparti kull konsiderazzjoni oħra, hu ovvju li anki fuq din il-bażi ir-rikuża mhux attendibbli;

It-talba għar-rikuża ta' l-Unur Tiegħu Prim Imħallef Professur Giuseppe Mifsud Bonnici u ta' l-Onorevoli Mħallef Carmel A. Agius għalhekk qed tiġi wkoll respinta.